REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1047/2014

tad-29 ta' Lulju 2014

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istrateġija nazzjonali jew reġjonali li l-Istati Membri għandhom ifasslu għall-finijiet tal-iskema ta' ħalib għall-iskejjel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 27(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li, mill-1 ta' Awwissu 2015, l-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema ta' ħalib għall-iskejjel huma mitluba jkollhom, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha.

(2) L-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jirrikjedi li, meta jkunu qed ifasslu l-istrateġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom ifasslu lista tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib li se jkunu eliġibbli skont l-iskemi rispettivi tagħhom. Sabiex l-iskema ta' ħalib għall-iskejjel issir aktar effettiva, l-istrateġija ta' Stat Membru għandu jkun fiha wkoll elementi ewlenin oħrajn, jiġifieri l-grupp ta' età tat-tfal u l-frekwenza tad-distribuzzjoni, in-nefqa provviżorja fil-kuntest tal-iskema, inkluża informazzjoni dwar jekk hux se jsiru pagamenti nazzjonali, u l-arranġamenti biex tiġi vvalutata l-effikaċja tal-iskema.

(3) Meta Stat Membru jkun beħsiebu jipprevedi miżuri ta' akkumpanjament skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, huwa għandu jiddeskrivi wkoll dawk il-miżuri fl-istrateġija tiegħu.

(4) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar l-istrateġija nazzjonali jew reġjonali li l-Istati Membri għandhom ifasslu għall-finijiet tal-iskema ta' ħalib għall-iskejjel. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mill-2015 'il quddiem,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Strateġija

1. L-istrateġija għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħalib għall-iskejjel li l-Istati Membri għandhom ifasslu hekk kif imsemmi fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju ta' kull sena.

2. L-istrateġija għandha tinkludi mill-inqas l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-livell amministrattiv li fih se tiġi amministrata l-iskema ta' ħalib għall-iskejjel;

(b) lista ta' ħalib u prodotti tal-ħalib identifikati bil-kodiċijiet tan-NM tagħhom, magħżula fil-kuntest tal-iskema, u spjegazzjoni tal-proċess biex jiġu stabbiliti l-prodotti li għandhom jiġu fornuti;

(c) l-arranġamenti għall-provvista tal-prodotti fil-kuntest tal-iskema, inklużi l-frekwenza u t-twaqqit tad-distribuzzjoni u l-benefiċjarji koperti mill-iskema;

(d) in-nefqa provviżorja fil-kuntest tal-iskema, inkluża informazzjoni dwar jekk hux se jsir pagament nazzjonali skont l-Artikolu 217 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u indikazzjoni tal-mezzi ta' finanzjament ta' pagamenti ta' dan it-tip;

(e) l-arranġamenti mdaħħlin fis-seħħ għall-valutazzjoni tal-effikaċja tal-iskema.

3. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jintroduċu miżuri ta' akkumpanjament għall-iskema tagħhom ta' ħalib għall-iskejjel skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, huma għandhom jiddeskrivu t-tali miżuri fl-istrateġija tagħhom, inklużi l-għanijiet tal-miżuri u l-benefiċċji li mistennija joħorġu minnhomu kif dawn ser jiġu ffinanzjati.

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-2015 'il quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO